**Jista' ikun?**

Kont għaddej għall-affari tiegħi
X'naħseb bil-bosta żgur ma kellix,
Imma f'daqqa waħda feġġ il-ħsieb
Li ġagħlni nsaqsi la issemmix!

Jista' ikun li ngħixu f'tant paċi
Meta hawn iħeġġeġ ġlied kullimkien?
Jista' ikun li ngħixu sempliċi
Meta min jitbissem m'hawn imkien?

Jista' ikun li nħossuna mħarsa
Meta lesti biex ngħallu lil xulxin?
Jista' ikun li nħossuna aħwa
Meta nwarrbu w nkażbru lid-dgħajfin?

Jista' ikun li jkollna l-imħabba
Jekk nippreferu w nagħżlu lin-nies?
Jista' ikun li nħossuna tajjeb
Meta nużaw lil xulxin bla qjies?

Jista' ikun li l-messaġġ ta' Kristu
Jasal malajr sa fit-trufijiet?
Meta nagħmlu plejtu fuq ċikka
U ninsew 'l-grazzja fid-dgħjufijiet?

Jista' ikun li nibqgħu nitbissmu
Meta għal xulxin għandna tant lanżit?
Jista' ikun li narmu tant faraġ
Meta moħħna fil-flus u fil-ġid?

Jista' ikun li nkunu imbierka
Meta f'qalbna hemm il-mibegħda?
Jista' ikun li titlaq is-saħta
Jekk ma naħfrux lill-qlub imbegħda?

Jista' ikun li nagħmlu għaqli
Meta lil xulxin niġġudikaw?
Jista' ikun li nibdew infiequ
Meta fuq xulxin tina nparlaw?

Din hi l-mistoqsija hekk kbira
Li sseħibni kulfejn jien inkun,
Nistaqsiha għax tgħidx kemm tgħinni:
"Ngħix mingħajr Kristu kif jista' ikun?"

Patri Mario Attard OFM Cap
28 ta' Ottubru 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.